## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 109/2019: **L-AWTORITA' GHAT-TRASPORT F'MALTA V. FURORE LIMITED (C66620) U B'DIGRIET TAS-27 TA' JANNAR 2020 ĠIE KJAMAT IN KAWŻA MASSIMO CENTOMANI (KI. 69323A)**

(DRITTIJIET TAL-PORT IN KONNESSJONI MAD-DHUL TA' BASTIMENT F'PORT F'MALTA – REGOLAMENTI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-PORT – LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 499.04 – ID-DRITTIJIET TAL-PORT DWAR BASTIMENT 'QIEGHED' – BASTIMENT 'QIEGHED' U PORTIJIET DIKJARATI TAĦT L-ATT DWAR PORTIJIET U BASTIMENTI – KAP . 352 – MIN JALLEGA JRID JIPPROVA – QUOD NON EST IN ACTIS, NON EST IN MUNDO)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**6 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta [1] ("l-Awtorita' rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") intavolat fl-10 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet lil Furore Limited ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata mill-Qorti:

thallas is-somma ta' tmien t'elef mija u hmistax 'il ewro u hamsin centezmu (Eur 8118.50) rapprezentanti drittijiet u multi dovuti lill-Awtorita talli l-istess socjeta halliet il-bastiment M/V Furore qieghed f'port minghajr il-permess bil-miktub tal-Awtorita bejn l-erbatax (14) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) u t-tmienja (8) t'Awwissu elfejn u sbatax (2017).

---

[1] Fol 1

Illi minkejja li s-Socjeta konvenuta giet interpellata sabiex taddivjeni minnufih ghall-hlas, din baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjeż tal-preżenti, u bl-imgħaxijiet kummercjali ai termini tal-Kap 13 legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut flimkien ma' dawk l-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji ohra kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, li minn issa hija inġunta biex tidher u in subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-kumpanija intimata[2] tal-21 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta intimata mhijiex il-legittimu kuntradittur peress li fid-dati imsemmija il-bastiment ma kienx fil-pussess u fil-kontroll tas-socjeta intimata izda ta' Massimo Centomani u ghalhekk is-socjeta intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u l-istess Massimo Centomani ghandu jigi kjamat f'din il-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ukoll minhabba li l-imsemmi bastiment ma kienx f'xi port f'Malta anzi lanqas biss ma kien fl-ibhra territorjali ta'Malta skont informazzjoni moghtija lis-socjeta intimata;
3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, is-socjeta intimata mghandha taghti xejn lill-Awtorita attrici;
4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fi kwalunkwe kaz, dak allegat mill-Awtorita attrici irid jigi ppruvat minnha skont il-ligi;
5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont rikjest mill-Awtorita attrici hu eccessiv.

wara li rat li permezz tad-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar 2020 il-Qorti ordnat li jissejjaħ fil-kawża Massimo Centomani ("il-kjamat in kawża"),

---

[2] Fol 7

wara li rat ir-risposta tal-kjamat in kawża[3] tal-11 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

1. **Fl-ewwel lok**, l-esponent jirrespinġi kategorikament it-tentattivi tas-soċjetà konvenuta, li tagħha huwa fost l-oħrajn azzjonist u direttur, li titfa' r-responsabbiltà għat-talbiet tal-awtorità attriċi kontrih personalment u dan għal dak li għandu jiġi spjegat tul it-trattazzjoni tal-kawża;

2. **Fit-tieni lok, u b'żieda mal-premess,** għal kull *buon fini* l-esponent jiddikjara li l-aġir tas-soċjetà konvenuta f'dawn il-proċeduri huwa assolutament kontra r-rieda tiegħu u se jirriserva li jieħu l-azzjoni neċċessarja kif jista' jkun opportun;

3. **Fit-tielet lok, u b'żieda mal-premess,** l-esponenti jirrileva li in relazzjoni mal-bastiment indikat mill-awtorità attriċi, huwa dejjem aġixxa u kien bħala kaptan u, jew membru tal-ekwipaġġ tal-istess bastiment fl-interessi u fl-isem tas-soċjeta konvenuta, ta' liema servizzi huwa dovut jitħallas u ma tħallasx, minflok is-soċjetà konvenuta, anke b'abbuż fuq drittijietu, tittenta titfa' l-pretensjonijiet tal-awtorità attriċi fuqu;

4. **Fir-raba' lok, u b'żieda mal-premess,** għandu jingħad li jekk jirriżulta li t-talbiet tal-awtorità attriċi joħorġu mil-L.S. 499.04 (Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port), allura għandu jirriżulta li dawk ir-regolament jitfgħu dak dovut lill-awtorità attriċi fuq is-sidien tal-bastimenti, liema sid tal-bastiment indikat minna hija s-soċjetà konvenuta u ħadd aktar;

---

[3] Fol 14-15

5. **Fil-ħames lok,** l-awtorità attriċi naqset milli tindika l-port involut fl-avviż tagħha u fit-talbiet tagħha, u dan għandha tagħmlu sabiex l-esponenti, jekk il-każ, jirregola d-difiża tiegħu u jirriserva li jagħmel dan meta opportun.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.
Bl-ispejjeż kontra l-awtorità attriċi jew is-soċjetà konvenuta, jew min minnhom, li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

wara li semgħet ix-xhieda,

wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Joseph M. Sammut u l-Avukat Dr. Natalia Camilleri[4],
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Richard Sladden[5], u
- tal-kjamat in kawża, mill-Avukat Dr. Edric Micallef Figallo u l-Avukat Dr. Keith Borg[6]

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. L-Awtorita' rikorrenti fetħet din il-kawża sabiex tirkupra drittijiet portwali u multi in konnessjoni mal-bastiment M/V Furore liema bastiment, skond l-Awtorita', tħalla qiegħed f'port f'Malta mingħajr il-permess bil-miktub tagħha fil-perjodu 14/07/2016 – 08/08/2017.

2. Għal raġunijiet li sejrin ikunu iżjed ċari fil-bqija tal-korp tas-sentenza l-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tqis qabel xejn it-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija intimata (u *in parte* il-ħames eċċezzjoni tal-kjamat in kawża) qabel ma' tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra in kwantu jekk tilqa' tali eċċezzjoni ikun ifisser illi t-talbiet tal-Awtorita' rikorrenti awtomatikament jiġu fix-xejn. It-tieni eċċezzjoni tal-intimata hija illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għaliex l-imsemmi bastiment ma' kienx qiegħed f'xi port f'Malta jew inkella fl-ibħra territorjali Maltin. Il-ħames eċċezzjoni tal-kjamat in kawża hija illi l-Awtorita' rikorrenti naqset milli tindika l-port involut u

[4] Fol 102-104
[5] Fol 105-107
[6] Fol 109-114

għalhekk irriservat id-dritt illi tirregola d-difiża tagħha malli tingħata tali informazzjoni.

3. Il-fatturi in kwistjoni esebiti fl-atti kemm minn **Dr. Adriana Zammit**[7] u kif ukoll minn **Jonathan Satariano**[8], juru illi l-ammont kollu (ħlief għall-ammont ta' €38.50 li jikkonċerna d-drittijiet relatati mal-ħatt ta' merkanzija) jirrappreżenta drittijiet in konnessjoni mad-dħul f'port f'Malta ta' bastiment li tħalla "qiegħed" (*laid up*) mingħajr il-permess tal-Awtorita'. F'dan ir-rigward ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.04) tistabilixxi żewġ settijiet ta' drititjiet: (i) dawk id-drittijiet tal-port li jintalbu dwar bastimenti li jidħlu f 'xi port f'Malta u ma' jkunux "qiegħda", għal liema bastimenti japplikaw id-drittijiet stabbiliti fl-Ewwel Skeda, (ii) dawk id-drittijiet tal-port li jintalbu dwar bastimenti li jidħlu f'xi port f'Malta u jkunu "qiegħda", għal liema bastimenti japplikaw id-drittijiet stabbiliti fit-Tieni Skeda.

4. Bastiment "qiegħed" huwa definit kif ġej fl-Att dwar Portijiet u Bastiment (Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta):

> **'"bastiment qiegħed" tfisser bastiment li <u>jkun f'xi port</u> u <u>li ma jkunx użat regolarment skont l-użu xieraq għal dak ix-xorta ta'bastiment</u> għal żmien ta' <u>aktar minn erbatax-il jum</u>; u għall-fini ta'din it-tifsira "bastiment" tinkludi floating dock, floating crane,tagħmir ta' salvataġġ jew ta' rfigħ, sew fuq wiċċ il-baħar,mgħarrqin jew immuntati fuq xi inġenji tal-baħar, u barkun, lijitmexxew b'mezzi mekkaniċi jew xort'oħra jew irmunkati, iżda ma tinkludix xi dgħajsa jew xi inġenji tal-baħar, użati biss għad-divertiment jew għall-industrija tas-sajd, jew xi bastiment li jkun qiegħed f'xi port biex jissewwa: Iżda l-Awtorità tista', għall-finijiet ta' din it-tifsira, fid-diskrezzjoni tagħha, tiddikjara li dgħajsa jew inġenji tal-baħar ma jkunux użati biss għad-divertiment jew għall-industrija tas-sajd, jew li bastiment ma jkunx qiegħed għat-tiswija, u kull bastiment bħal dak jitqies bħala bastiment qiegħed.'**

5. Mela fl-aktar tifsira sempliċi ta din id-definizzjoni, biex bastiment ikun "qiegħed" u l-Awtorita' tkun tista' timponi d-drittijiet portwali elenkati fit-Tieni Skeda jeħtieġ illi:

    1. Il-bastiment ikun f'xi port f'Malta;

[7] Dok AZ4-AZ28 a fol 59-83
[8] Dok JS2-JS26 a fol 28-52

2. Il-bastiment ma jkunx qed jiġi użat regolarment skont l-użu xieraq għal dak ix-xorta ta'bastiment għal aktar minn erbatax-il ġurnata

6. Inoltre, fir-rigward ta' bastiment li jkun qiegħed l-Awtorita' tista', u filfatt hekk qegħda tagħmel f'din il-kawża, titlob illi d-drittijiet elenkati fit-Tieni Skeda jiżdiedu b'100% f'każ li dan jitpoġġa bħala qiegħed mingħajr il-permess tal-Awtorita'.

7. Fl-Artikolu 3(1) tal-Att dwar Portijiet u Bastiment (Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta) jinsab provdut illi l-portijiet huma dawk li jkunu ordnati bħala tali mill-Ministru kkonċernat (b'konsultazzjoni mal-Awtorita'). Fl-Artikolu 3(2) tal-istess Att imbagħad hemm provdut illi:

> **'352 (2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu l-postijiet speċifikati fit-Taqsimiet I u II tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att qegħdin b'dan jiġu dikjarati bħala portijiet; il-postijiet speċifikati fit-Taqsima III tal-imsemmija Skeda qed jiġu b'dan dikjarati bħala portijiet bl-obbligu li jintuża s-servizz ta'pilutaġġ u l-postijiet speċifikati fit-Taqsima IV tal-imsemmija Skeda qed jiġu b'dan dikjarati bħala ċentri tal-jottijiet'**

8. Il-portijiet dikjarati fl-Iskeda huma:

1. Il-Port il-Kbir,
2. Il-Port ta' Marsamxett
3. Il-Port ta' Marsaxlokk
4. San Pawl il-Baħar
5. Il-postijiet ta' żbark fir-Ramla l-Bir u fiċ-Ċirkewwa
6. L-Imġarr (Għawdex)

9. Issa fil-kawża odjerna il-Qorti għandha sitwazzjoni quddiemha fejn fuq naħa l-Awtorita' rikorrenti qed titlob il-ħlas tad-drittijiet u multi in konnessjoni mal-bastiment tal-kumpanija intimata jew tal-kjamat in kawża, mentri fuq in-naħa l-oħra l-intimata u l-kjamat in kawża qegħdin fost affarijiet oħra jisħqu illi r-rikorrenti għandha l-ewwel tipprova li l-bastiment imsemmi kien qiegħed f'port ġewwa Malta. Filfatt il-kjamat in kawża saħaq li l-Awtorita' naqset milli tindika l-port involut filwaqt li l-kumpanija intimata addirittura qed tgħid li mill-informazzjoni li għandha l-imsemmi bastiment anqas biss kien qiegħed fl-ibħra territorjali ta' Malta!

10. Iffaċċjata b'difiża bħal din, l-Awtorita' rikorrenti kellha **l-ewwel u qabel kollox** turi bil-provi illi l-bastiment M/V Furore kien qiegħed f'port ġewwa Malta matul il-perjodu 14/07/2016 – 08/08/2017 u sussidjarjament tipprova li dan kien tħalla "qiegħed" u bla permess mill-istess Awtorita'. M'huwiex il-każ, kif pruvat targumenta r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha, illi kien jinkombi fuq l-intimata u fuq il-kjamat in kawża li jressqu provi sabiex jikkonvinċu lill-Qorti illi l-vapur ma' kien fl-ebda port f'Malta. Raġunament bħal dan huwa kapovelġiment tal-prinċipju kardinali fid-dritt illi min jallega jrid jipprova!

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** (App. Ċiv. Nru 503/2002 PS, 12/04/2007), il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet illi:

> *"[...] in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-*
>
> *(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5;*
>
> *(2) Fil-kors tal-kawża dan il-piz jista' joxxilla minn parti għall-oħra, ghax, kif jingħad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 577);*
>
> *(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeciedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;*
>
> *(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l' apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l- konvinciment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinciment tiegħu. [...]"*[9]

[9] Referenza ittiehdet mis-sentenza Raymond Zammit et vs Paul Caruana et (Rik. Gur. Nru. 732/14), PA, 28.05.2020

12. Il-Qorti tagħmel tagħha ukoll l-insenjament tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Schembri v Jean Schembri** (Avv Nru. 550/2017 KCX, 09/01/2019), fejn ingħad fost oħrajn is-segwenti:

> *"Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' iura novit curia – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi.*
>
> *Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha.*
>
> *Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku ihaddan massimi Latini bhal "quod non est in actis non est in mundo", "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam" u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii". Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, in re Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u in re Michael Debono et v. Joseph Zammit et (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010).*
>
> *In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat minn AURELIO SCARDACCIONE ("Le Prove", UTET 1965; §3, p.8) meta jghid illi, "il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo."*
>
> *Awtur iehor, CARLO LESSONA ("Trattato Delle Prove in Materia Civile", UTET 1927; Vol.I, §45, p.59), jasserixxi li, "la scienza personale del giudice, da lui già posseduta od acquistata*

*stragiudizialmente intorno ai fatti sui quali si controverte non è legittima fonte di prova, perchè la legge non la contempla; perchè anzi, pel sistema della legge, il giudice non conosce i fatti se non quali glie li presentano le parti." Dan hu hekk precizament ghax, "Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona." (cfr. GIROLAMO MONTELEONE, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007; p.269).*

*Riflessjoni ta' dan it-tghalim dottrinali jinsab fid-decizjoni domestici in re Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005);21 in re Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009); in re F. Advertising Limited v. Simon Attard et (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010) fost diversi ohrajn. Dan m'hu xejn gdid izda hu kuncett antikissimu, hekk kif rifless fil-massima, gja' msemmija, ta' "quod non est in actis, non est in mundo"."*

13. Għal xi raġuni jew oħra l-Awtorita' rikorrenti naqset milli tressaq kwalsiasi prova f'dan ir-rigward u minflok straħet fuq il-fatt li ħarġet il-fatturi relattivi u fuq min kien l-operatur tal-bastiment u s-sid tiegħu.

14. Il-Qorti tqis li kellu jkun faċli għar-rikorrenti, li fuqha kienet taggrava l-prova, li tesebixxi dettalji dwar fejn kien il-bastiment M/V Furore fil-perjodu in kwistjoni. Dan setgħet tagħmlu *inter alia* billi per eżempju tipprovdi l-*coordinates* storiċi tal-bastiment jew inkella billi tippreżenta ritratti tal-istess vapur u xhieda dwar meta ttieħdu l-istess ritratti. L-Awtorita' rikorrenti kellha l-obbligu li tressaq din il-prova meta kienet taf illi waħda mill-eċċezzjonijiet prinċipali tal-intimata u tal-kjamat in kawża kienet proprju dwar il-lok tal-bastiment. Dan in-nuqqas inspjegabbli huwa fatali għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti u għaldaqstant il-Qorti m'għandiex għażla oħra ħlief li tiċħad it-talba tagħha ġaladarba din hija dipendenti fuq il-premessa li l-bastiment kien jinsab ġo port f'Malta fil-perjodu in kwistjoni.

15. Fiċ-ċirkustanzi lanqas għandha għalfejn il-Qorti tokkupa ruħha mill-eċċezzjonijiet l-oħra.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi filwaqt li tilqa' t-tieni talba tal-kumpanija intimata u *in parte* l-ħames talba tal-kjamat in kawża tiċħad it-talbiet tal-Awtorita' rikorrenti bl-ispejjeż kontriha.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur